**Formola tal-Applikazzjoni**

Ministeru tal-Finanzi,
l-Ekonomija u Investiment

# Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2011

Dipartiment tal-Kummerċ

## KATEGORIJA:
## INIZJATTIVI FAVUR L-ARTIĠJANAT

**Għall-użu tal-uffiċċju biss**

Applikazzjoni Nru.: **INI** ____

Milqugħa fil-: ________________

Bil- Posta/ bl-Idejn/b'Imejl

## *DETTALJI TAL-INIZJATTIVA*

**Subkategorija** (Immarka fejn applikabbli. Ara l-Kriterji biex Tapplika u l-Kundizzjonijiet.)

**A. Tagħlim u Riċerka** ☐

**B. *Awareness Raising* u Promozzjoni** ☐

**Ċ. Bejgħ ta' Prodotti tal-Artiġjanat Malti**

Daqs tan-Negozju (ara kundizzjoni nru.7):

- *Self-employed* jew sa 9 impjegati ☐
- 10 impjegati jew aktar ☐

**AGĦTI DESKRIZZJONI QASIRA TAL-INIZJATTIVA**

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

## ***DETTALJI TA' KUNTATT***

**ISEM U KUNJOM**

**INDIRIZZ**
..........................................................................................
..........................................................................................
........................

**TELEFOWN** | **MOWBAJL**

**IMEJL** | **NRU. TAL-K.I.**

**ISEM L-ORGANIZAZZJONI / NEGOZJU** (jekk applikabbli)

**INDIRIZZ TAL-ORGANIZAZZJONI / NEGOZJU**
..........................................................................................
..........................................................................................
..........................................................................................
........................................

**FIRMA** | **DATA**

Din l-applikazzjoni, flimkien mal-materjal/dokumentazzjoni (ara kundizzjoni nru. 4), għandha tasal għand id-Dipartiment tal-Kummerċ sa
**12 pm (nofsinhar) tal-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2011.**

Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitwasslu bl-idejn jew bil-posta indirizzati lil:

**Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2011**
**Dipartiment tal-Kummerċ**
**Lascaris,**
**Valletta VLT 2000**

jew b'imejl lil

**maltacrafts@gov.mt**

# Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti
# 2011

## <u>Kriterji biex Tapplika</u>

## <u>*Kategorija: Inizjattivi Favur l-Artiġjanat*</u>

Din il-kategorija tirrikonoxxi dawk l-inizjattivi li **eċċellaw** fit-tagħlim, riċerka, promozzjoni jew bejgħ ta' Artiġjanat Malti.

## <u>*Eliġibilità*</u>

### <u>Subkategorija A: Tagħlim u Riċerka</u>
Din is-subkategorija hi miftuħa għal individwi, istituzzjonijiet jew negozji li jgħallmu jew jagħmlu riċerka dwar l-Artiġjanat Malti.

### <u>Subkategorija B: *Awareness Raising* u Promozzjoni</u>
Din is-subkategorija hi miftuħa għal individwi, istituzzjonijiet jew negozji li jqajjmu kuxjenza dwar u jippromwovu l-Artiġjanat Malti.

### <u>Subkategorija Ċ: Bejgħ ta' Prodotti tal-Artiġjanat Malti</u>
Din is-subkategorija hi miftuħa għal negozji li jbiegħu prodotti artiġjanali manifatturati minn artiġjani li huma residenti ta' Malta. Negozji li jbiegħu ukoll il-prodotti tagħhom huma eliġibbli. Negozji li jbiegħu biss il-prodotti artiġjanali tagħhom m'humiex eliġibbli.

## <u>*Kundizzjonijiet*</u>

1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu kemm mingħand artiġjani individwali, mingħand organizazzjoni jew negozju (minn issa 'l quddiem jiġu msejħa bħala l-**Applikant**).
2. Ma' kull applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata **Inizjattiva** waħda biss u f'kull subkategorija l-**Applikant** jista' jissottometti applikazzjoni waħda biss.
3. L-**Inizjattiva** ppreżentata għandha tkun saret fis-sentejn li jiġu immedjatament qabel il-kompetizzjoni (f'dan il-każ fl-2010 u fl-2011). Kull **Inizjattiva** rebbieħa ma tistax tiġi ppreżentata fil-kompetizzjonijiet tas-snin ta' wara.
4. Ma' kull applikazzjoni, l-**Applikant** hu mitlub li jehmeż materjal/dokumentazzjoni li jiddeskrivi aħjar l-**Inizjattiva**.
5. Il-Kumitat ta' Selezzjoni jirriserva d-dritt li jitlob informazzjoni addizzjonali dwar l-**Inizjattiva**, inkluż li jagħmel evalwazzjoni tal-**Inizjattiva** fuq il-post.
6. Il-Kumitat ta' Selezzjoni jirriserva d-dritt li jżomm il-materjal/dokumentazzjoni li jkun mehmuż mal-applikazzjoni.
7. Rigward subkategorija Ċ, l-**Applikant** għandu jindika d-daqs tan-negozju billi jiddikjara jekk huwiex *self-employed* u/jew jekk għandux impjegati billi jimmarka l-kaxxa relevanti.
8. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.
9. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Selezzjoni ikunu ikkunsidrati bħala finali.

# Premjijiet

*<u>Kategorija: Inizjattivi Favur l-Artiġjanat</u>*

Ir-rebbieħ ta' **Subkategorija A - Tagħlim u Riċerka** jikkwalifika għal premju ta' €10,000 filwaqt li min jiġi ikklassifikat fit-tieni post jingħata €5,000.

L-ewwel premju rebbieħ ta' €10,000 ser jingħata f'żewġ pagamenti separati: 60% (ekwivalenti għal €6,000) jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet (id-data titħabbar aktar tard). L-40% l-oħra (ekwivalenti għal €4,000) jingħataw jekk id-Dipartiment tal-Kummerċ ikun sodisfatt illi, fis-sitt xhur li jiġu immedjatament wara l-għoti tal-premjijiet, ir-rebbieħ ikun kompla jinvesti biex itejjeb l-attività artiġjanali tiegħu (eż. investiment fil-*marketing*, riċerka, taħriġ, informazzjoni teknoloġika, titjib jew irranġar strutturali eċċ.).

Il-premju ta' €5,000 ta' min jiġi ikklassifikat fit-tieni post jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet.

---------------

Ir-rebbieħ ta' **Subkategorija B - *Awareness Raising* u Promozzjoni** jikkwalifika għal premju ta' €10,000 filwaqt li min jiġi ikklassifikat fit-tieni post jingħata €5,000.

L-ewwel premju rebbieħ ta' €10,000 ser jingħata f'żewġ pagamenti separati: 60% (ekwivalenti għal €6,000) jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet. L-40% l-oħra (ekwivalenti għal €4,000) jingħataw jekk id-Dipartiment tal-Kummerċ ikun sodisfatt illi, fis-sitt xhur li jiġu immedjatament wara l-għoti tal-premjijiet, ir-rebbieħ ikun kompla jinvesti biex itejjeb l-attività artiġjanali tiegħu (eż. investiment fil-*marketing*, riċerka, taħriġ, informazzjoni teknoloġika, titjib jew irranġar strutturali eċċ.).

Il-premju ta' €5,000 ta' min jiġi ikklassifikat fit-tieni post jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet.

---------------

**Subkategorija Ċ - Bejgħ ta' Prodotti tal-Artiġjanat Malti** se tippremja żewġ rebbieħa. Premju ser ikun għal negozji żgħar (*self-employed* jew sa 9 imjegati) u premju għal negozji ikbar (10 impjegati jew aktar). Ir-rebbieħa se jikkwalifikaw għal premju ta' €10,000 kull wieħed.

Il-premjijiet ta' €10,000 ser jingħataw f'żewġ pagamenti separati: 60% (ekwivalenti għal €6,000) jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet. L-40% l-oħra (ekwivalenti għal €4,000) jingħataw jekk id-Dipartiment tal-Kummerċ ikun sodisfatt illi, fis-sitt xhur li jiġu immedjatament wara l-għoti tal-premjijiet, in-negozji rebbieħa ikunu komplew jinvestu biex itejbu l-attività artiġjanali tagħhom (eż. investiment fil-*marketing*, riċerka, taħriġ, informazzjoni teknoloġika, titjib jew irranġar strutturali eċċ.).